t

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Septtur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Jonathan Zammit**

Illum, 17 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Zammit, ta' 28 sena, iben Carmel u Rita nee' Vella, imwieled Pieta', fit-13 ta' Dicembru 1985 u residenti Flat 4, Kamu, Triq il-Makku, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta tal-identita' 6686(M)

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Jannar, 2014, ghall-habta tat-3:45 ta' wara nofsinhar gewwa banka tal-lottu nru. 330 (agency no. 105047) fi Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta:

1. Kkometta serq t' ammont ta' flus kontanti, f'denominazzjonijiet ta' Euro, u mobile phone, tal-marka Samsung Galaxy S2, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u dishga w ghoxrin euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Sean Christopher Fenech Adami u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Sean Christopher Fenech Adami kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bil-hsieb ta' estorsjoni ta'

flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna jew persuni ohra jkunu imgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta' hwejjighom;

3. aktar, talli filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra s-sigurta tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna) jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta' (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta') kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;

4. akkuzat ukoll talli, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sean Christopher Fenech Adami, liema griehi gew maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv;

Akkuzat ukoll talli nhar it-18 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tal-11.15 ta' filghodu, w/jew fil-jiem ta' qabel, gewwa il-Marsa u/jew fi bnadi ohra tal-Gzejjer Maltin:

5. akkwista jew xort' ohra kellu fil-pussess tieghu ghal-liema ghan ikun, munizzjon li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti bhal gass tad-dmugh (item 8 taht Skeda I, Taqsima I - Armi tan-Nar u Munizzjon Projbiti ta' l-Att Dwar l--Armi - Kapitolu 480) meta z-zamma jew l-importazzjoni taghhom hija pprojbita;

6. garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bi!-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort' ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jkkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

8. akkuzat ukoll talli kkkometta dawn ir-reati li, fil-maggor parti, hemm kontemplat ghalihom piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu permezz ta' sentenza

definittiva datata 23 t'Ottubru, 2012 mill-Magistrat Dr Francsco Depasquale LL.D;

9. finalment akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi definittivi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-Artikoli 261(a), 261(b), 261(c), 262 (1) (a), 262 (1) (b), 262 (2), 263 (b), 267, 274(c),275, 277(b), 279(a) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 86 u 87 (1)(c), 87 (1) (e), u 88 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikoli 214, 215 u 221(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 3(a), 6, 51(1)(b), 51(7), 55 (a), u 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 19 u 24 (2) (b), tal-Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 28A, 28B, 28C u 28F tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi fis-17 ta' Jannar 2014 ghall-habta tal-erbgha neqsin kwart ta' wara nofsinhar il-control room tal-pulizija irceviet telefonata minghand Deborah Cassar li sid il-banka tal-lottu fi triq il-Qalbiena Mostin, Mosta kien ghadu kif gie aggredit u misruq u kellu bzonn l-assistenza medika peress li x'aktarx kien intuza' pepper spray. Il-vittma Sean Christopher Fenech Adami kien ittiehed il-poliklikinka u gie

ccertifikat li sofra griehi hfief. L-ghada ta' din is-serqa l-imputat gie arrestat u eventwalment imressaq sabiex jiffaccja l-akkuzi odjerni. L-imputazzjonijiet jirreferu ghal zewg dati ossija dakinhar tas-serqa u ghall-ghada.

**L-ewwel erba' imputazzjonijiet**

Sean Christopher Fenech Adami xehed kemm fl-inkjesta magisterjali kif ukoll viva voce quddiem din il-Qorti. Huwa xehed[1] li waqt li kien qieghed il-hanut tieghu – banka tal-lottu – wahdu ghall-habta tat-3.30p.m. dahal persuna li kellu hood fuq rasu u kellu nuccali tax-xemx, kellu jdejh fil-but u talbu biljett. Mar hdejh u ghamel il-biljett. Ix-xhud ighid li nduna li dan l-individwu ma tantx kien qisu jaf jilghab lottu ghaliex kellu jimlilu l-kupun huwa. Imbaghad qallu li ma kellux flus bizzejjed u qallu li kien se jerga' jmur barra biex igib il-flus mill-karozza. Wara hames minuti mar lura. Ix-xhud jispjega li dan l-individwu telaq min-naha tax-xellug tieghu, dar dawra mal-blokk u raha li dan il-komportament kien wiehed pjuttost stramb. Ix-xhud ighid li osserva li din il-persuna kien qieghed jistrieh sieq wahda mal-hajt. Kien qieghed fuq it-telefown, b'zarbun iswed tal-marka Nike, qalziet iswed jew blu, gakketta blu u nuccjali tax-xemx u baqa' bil-hood il-hin kollu. Imbaghad mar lura l-hanut u rega' ipprova jaghmel il-biljett, hallsu tieghu u rega' telaq 'il barra. Qabel ma telaq it-tieni darba qallu biex jaghmillu biljett iehor. Mar it-tielet darba qisu se jaghmel biljett iehor. Dak il-hin is-sur Fenech Adami kien barra l-hanut. Ghalhekk huwa dahal u l-individwu mar warajh. Sadanittant jispjega li l-bank kien qisu miftuh u kif din il-persuna tah il-kupun qallu biex ma jitkellimx, ma jghajjatx u qallu li ma kienx se jwegghu. Sprejalu l-pepper spray go wiccu u qallu biex ma johrogx dak il-hin mill-hanut u huwa hekk ghamel. Imbaghad il-vittma mar jahsel wiccu, kien mugugh u ma ttattwalx fejn telaq il-malvivent u ghajjat lil Deborah Cassar li tahdem fil-hanut ta' biswit tieghu. Jixhed li ttiehdelu madwar tlett mitt ewro kif ukoll il-mowbajl tieghu Samsung Galaxy S2 li kien xtrah madwar tlett mitt ewro.

Is-Sur Fenech Adami jixhed li osserva li l-malvivent kellu tattoo fuq idejh li kienet gejja ghal taht in-knuckles, kienet gejja ghat-tond u kellha daqsxejn kulur fuqha. Meta muri r-ritratti tal-oggetti elevati minn fuq l-imputat, is-sur Fenech Adami gharaf li z-zarbun kien bhal dak li osserva huwa fuq l-aggressur tieghu u l-istess il-gakketta. Anki

[1] Seduta tal-5 ta' Frar 2014

n-nuccali tax-xemx kien qisu l-istess. Meta mistoqsi jekk huwa kienx qieghed jaghraf lill-malvivent huwa indika lill-imputat. D'altronde is-sur Fenech Adami dakinhar ra lill-imputat aktar minn darba u kwindi kien f'posizzjoni li jgharfu.

Illi meta l-imputat gie arrestat wara li twaqqaf minn zewg kuntistabbli stazzjonati fir-Rapid Intervention Unit minhabba li nnutaw li kien bla seatbelt u kien qieghed fuq il-mowbajl wettqu tfittxija, bil-kunsens tieghu, u fil-karozza sabulu zewgt iskieken, maskla tal-latex, bott li huma jghidu li huwa pepper spray u xi flokkijiet. Wiehed minn dawn il-flokkijiet huwa ta' kulur skur li intgharaf mis-sur Fenech Adami bhala li kien liebes l-aggressur tieghu dakinhar tas-serqa u li jirrizulta wkoll mill-filmat ezebit tal-hanut Harry's.

Illi mill-provi prodotti partikolarment ix-xhieda tas-Sur Fenech Adami, il-filmat tal-hanut li jkompli jikkorobora max-xhieda tal-vittma, kif ukoll il-fatt li whud mill-oggetti elevati mill-karozza misjuqa mill-imputat intgharfu, din il-Qorti m'ghandhix dubju li kien proprju l-imputat li wettaq din is-serqa. M'hemmx dubju li l-aggravju tal-vjolenza gie ippruvat inkwantu l-vittma sofra griehi ta' natura hafifa. L-aggravju tal-mezz jinsab ukoll ippruvat billi l-imputat zamm il-hood il-hin kollu fuqu u baqa' bin-nuccali tax-xemx il-hin kollu b'tali mod biex jaghmilha difficli li jigi rikonoxxut. Inkwantu ghall-aggravju tal-valur id-difiza sostniet li dan ma giex ippruvat billi s-sur Fenech Adami meta xehed viva voce quddiem l-espert nominat fl-inkjesta magisterjali xehed li insterqulu €200 mentri meta xehed quddiem din il-Qorti xehed li l-ammont kien €300 u ghalhekk billi x-xhieda fl-inkjesta magisterjali ttiehdet a tempo vergine ghandha aktar mill-veru. Illi in verita' meta s-sur Fenech Adami xehed quddiem l-espert nominat huwa kien stqarr li kienu ittihdulu madwar 200/300 ewro fi flus kontanti. Inkwantu ghall-mowbajl id-difiza ssostni li ma ngabitx prova tal-valur tieghu billi ma gietx prezentata ricevuta. Huwa minnu li ma ngabitx ricevuta izda s-sur Fenech Adami kkonferma l-valur tieghu bil-gurament w inoltre' l-ammont indikat certament mhux xi wiehed li huwa insolitu ghat-tip ta' mowbajl misruq.

Illi l-abbli difensur tal-imputat argumenta li l-imputat jinsab akkuzat li wettaq din is-serqa fit-3.45pm tas-17 ta' Jannar 2014 meta dan ma jistax ikun ghaliex mill-provi jirrizulta li s-serqa twettqet qabel dan il-hin possibilment anki fit-3pm w allura abbazi tal-gurisprudenza r-reat

kif addebitat ma jissussistix. Il-Qorti ma taqbilx f'dan il-kaz. Filwaqt li jirrizulta li s-serqa saret qabel it-3.45p.m., is-Sur Fenech Adami jixhed li kien ghall-habta tat-3.30p.m.. L-istills ezebiti tal-hanut Harry's li huma mehuda mic-CCTV tal-hanut juru li l-hin kien bejn wiehed u iehor 3.18pm u kwindi m'hemmx dubju li s-serqa twettqet ghall-habta tat-3.30p.m. Dan il-hin jaqa' proprju fl-imputazzjoni kif dedotta billi din taqra 'ghall-habta tat-3.45p.m.'

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni d-difiza ssostni li l-vittma ma intrabatx u li l-akkadut sehh fi ftit sekondi. Filwaqt li huwa minnu li l-vittma ma ntrabatx dan ma jfissirx awtomatikament li dan ir-reat ma twettaqx. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**[2] intqal:

*"L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali umbaghad jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti , u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"*

*Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-*

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; **or may be detained in his own house without having been previously arrested."***

Illi mir-rizultanzi processwali jirrizulta li s-sur Fenech Adami anki jekk ghall-ftit sekondi ma setax johrog mill-banka tal-lottu billi l-imputat xekklu milli jaghmel dan. Anzi qallu specifikatament biex ma jiccaqlaqx tant li ghamel uzu minn spray sabiex proprju jimmobilizza lill-istess. Kwindi anki din l-imputazzjoni tinsab ippruvata.

[2] Qorti Kriminali deciza fil-5 ta' Jannar 2004

t

Illi inkwantu ghat-tielet imputazzjoni din ukoll tirrizulta ppruvata billi gie ppruvat li waqt is-serqa ntuza munizzjon li rrilaxxa sustanza irritant bhal gass tad-dmugh li huwa pprojbit mil-ligi.

Illi inkwantu ghar-raba' imputazzjoni din tinsab ippruvata. Infatti Dr Rudolph Busuttil[3], tabib fil-poliklinika tal-Mosta, ikkonferma c-certifikat rilaxxat minnu[4] wara li ezamina lill-vittma. Huwa xehed li s-sur Fenech Adami kellu irritazzjoni intensa fuq wiccu u fuq ghonqu kkagunata minn pepper spray. Tali griehi kienu ta' natura hafifa.

Illi l-hames imputazzjoni hija wkoll ippruvata u dan billi meta l-imputat twaqqaf mill-pulizija fit-18 ta' Jannar 2014 fil-Marsa instab li fil-karozza kellu bott li kien jindika fuqu li kien pepper spray. Id-difiza ssostni li ma sar l-ebda ezami forensiku sabiex jigi vverifikat li dan kien veru pepper spray. Filwaqt li huwa minnu li ma sarux ezamijiet forensici biss pero' fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 kienet l-istess difiza li ddikjarat li ma kinitx qeghda tikkkontesta l-pussess u l-kontenut tal-pepper spray. Inoltre' l-imputat ammetta l-pussess u l-kontenut tieghu anki fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-18 ta' Jannar 2014.

Is-sitt imputazzjoni giet ippruvata wkoll in vista li nstabu fil-pussess tal-imputat zewgt iskieken.

Inkwantu ghas-seba' imputazzjoni din tirrizulta wkoll billi ingabet prova li l-imputat kien registrat li jirrisjedi f'residenza u li mis-sena 2010 ma talabx li tali dettal jinbidel meta fil-fatt irrizulta, anki kif indikat minnu stess, li biddel l-indirizz tar-residenza tieghu. Infatti l-karta tal-identita' tieghu harget fil-15 ta' Dicembru 2010 u kienet valida sal-31 ta' Marzu 2014.[5] Biss pero' l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju kkwota wkoll l-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 li ma kinitx parti mill-imputazzjonijiet originali u ghalhekk il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tmien imputazzjoni billi gie dikjarat mill-ufficjal prosekutur li s-sentenza sospiza msemmija fl-imputazzjoni ddahlet fis-sehh permezz ta' sentenza.

---

[3] Seduta tal-5 ta' Frar 2014
[4] Dok RB a fol 36 tal-process
[5] Xhieda ta' Raymond Desira moghtija fit-18 ta' Gunju 2014

Illi inkwantu ghall-addebitu tar-recediva gew prezentati: vera kopja fotostatika ta' sentenza[6] moghtija fit-23 ta' Ottubru 2012 fil-konfront tal-imputat (il-konnotati jaqblu) fejn huwa gie kkundannat ghal tlett xhur prigunerija sospizi ghal erba' snin. Billi l-perjodu operattiv kien ghadu qieghed jiddekorri meta twettqu r-reati mertu tal-proceduri odjerni, din is-sentenza se tittiehed bhala prova a tenur tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali. Giet prezentata wkoll vera kopja fotostatika ta' sentenza moghtija fl-20 ta' Awwissu 2013[7] fil-konfront tal-imputat u anki f'dan il-kaz il-konnotati huma identici fejn l-imputat gie kkundannat sitt xhur prigunerija. Jirrizulta wkoll ippruvat mill-fedina penali li l-imputat instab hati drabi ohra fuq serq.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tqis in-natura serja tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li huwa nstab hati diversi drabi mill-Qrati u nghata anki diversi opportunitajiet izda huwa ma hax l-opportunitajiet offruti lilu. Anki f'dawn il-proceduri stess, l-ufficjal tal-probation tirrapporta li l-imputat li ghandu l-problema tal-vizzju tad-droga mhux koperattiv. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-referenza ghall-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju kif ukoll tat-tmien imputazzjoni in vista li l-imputat diga' gie trattat ghas-sentenza sospiza, wara li rat l-artikoli 49, 50, 86, 87(1)(c), 87(1)(e), 88, 214, 215, 221(2), 261(a), 261(b), 261(c), 262 (1) (a), 262 (1) (b), 262 (2), 263 (b), 267, 274(c),275, 277(b), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 19 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 3(a), 6, 51(1)(b), 51(7), 55 (a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u tikkundannah ghal erba'snin u nofs prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' €116.47

Inoltre' tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' €574.91 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija.

---

[6] Dok JMX a fol 146 tal-process

[7] Dok JMX1 a fol 158 tal-process

t

Inoltre' a tenur tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet tordna l-konfiska tal-bott pepper spray marka KO, tal-maskla u taz-zewgt iskieken li gew ezebiti f'dawn il-proceduri.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat